MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 325/2010

Appell Numru: 325/2010

Il-Pulizija
Vs
Renald Cini

Illum 31 ta' Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 468983(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-11 ta' Frar, 2010 ghall-habta tal- 20:38hrs fi Triq il-Marfa, Mellieha:

1. Talli saq vettura MIC278 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata).
2. Talli ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju, 2010 fejn wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, ir-Regolament 13(1) tal-Avviz Legali 198/2009 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta:

(1): Tirrizulta u kkundannat lill-imputat Renald Cini ghall-piena ta’ Ewro 120.00 multa.

(2): Tirrizulta u kkundannat lill-imputat Renald Cini ghall-piena ta’ Ewro 2329.37 multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-aritkolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-imputat Renald Cini milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal-zmien tnax (12) il-xahar millum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2010 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka is-sentenza imsemmija u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas tvarjaha u timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu tvarjaha in rigward tal-piena u dan billi tibdel il-piena ghal wahda inqas harxa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ghal kull vettura li ghandu dejjem jircievi avviz minghand l-assikurazzjoni tieghu Victoria Insurance sabiex igedded kemm il-licenzja kif ukoll il-polza ta’ l-assigurazzjoni. F’ din l-okkazjoni partikolari, hareg car li dan l-avviz ma rceviehx, u minghajr hsieb li jwettaq xi reat, kien qed juza din il-karozza partikolari. Dan hekk kif jirrizulta mill-provi.

Illi sabiex jigu ppruvati reati ta’ din ix-xorta jrid jigi ppruvat illi l-esponent kellu xi tip ta’ mens rea sabiex iwettaq ir-reati msemmija – haga din li l-esponent zgur ma kellux. L-esponent ghandu vetturi ohra li jista` juza, u li kieku kien

jaf li possibilment seta` jwettaq reat, zgur li kien se jhalli din il-vettura u ma jizahiex.

Illi anke l-ewwel reazzjoni tieghu meta ntqal lilu li l-karozza ma kelliex licenzja mhallsa, tinfliggi hafna fuq il-mens rea tieghu jew in-nuqqas taghha – thalla totalment sorpriz!

Illi di piu', il-prosekuzjoni ma gabet l-ebda prova illi ai termini ta' l-Artikolu 15(1)(a)(3) il-vettura inkwistjoni kienet fil-fatt qed tinsaq. F' dan ir-rigward, ghalhekk, rekwizit principali f' dan ir-reat huwa nieqes.

Illi barra minn hekk section 13(1) ta' l-Avviz Legali 198 ta' l-2009 msemmija mill-Prosekuzjoni hija section imcajpra ghall-ahhar, stante li tispicca bil-frazi "jekk il-vettura bil-mutur ma tkunx ezenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-att". X' ifisser dan? Biex vettura ma tkunx qed twettaq reat, trid tkun ezenti taht l-att, jew le? Il-kelma 'jekk' f' dan ir-rigward kien ikun ahjar illi giet mibdula bil-kelma 'sakemm'. Din l-incertezza li qed tinholoq bl-abbozzar tal-ligi kif inhi, ghandha tmur favur l-esponent a bazi tal-principju in dubio pro reo. U ghalhekk anke hawn, l-esponent kellu jigi liberat minn din l-akkuza.

Illi in kwantu jirrigwarda l-akkuza dwar l-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, diga` ntqal li din ma kinitx koperta minhabba li kien hemm nuqqas da parti ta' l-assigurazzjoni ta' l-esponent biex tavzah. L-esponent, kif gia` inghad, ma kellu l-ebda mens rea biex iwettaq dan ir-reat, u dan ghaliex bhas-soltu, bhas-snin ta' qabel kien jiddependi fuq il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni sabiex tfakkru u ttih avviz ghat-tigdid. F'kull kaz ukoll, f' dak li jirrigwarda dan l-artikolu partikolari, lanqas ma gie ppruvat mill-prosekuzjoni li din il-vettura kienet fil-fatt qed tintuza. L-uzu attwali tal-vettura ghal dan it-tip ta' reat huwa rekwizit essenzjali, li minghajru ma jkunx hemm reat.

Illi di piu' l-esponent jahdem b' xoghol ghal rasu u sospensjoni tal-licenzja prattikament ha tkun tifisser it-telfien ta' hobzu ghal-sena, jekk mhux aktar, stante li

mhux facli li terga' taqbad ix-xoghol wara waqfien ta' sena.

Ikkunsidrat,

Fil-hdax (11) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) fi Triq l-Imtarfa, il-Mellieha, l-appellant gie mwaqqaf f'roadblock u wara investigazzjoni nstab illi saq il-vettura minghajr ma kienet illicenzjata mill-Awtorità tat-Trasport u li ghamel uzu tal-vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni.

B'sentenza tat-tmienja (8) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u gie kkundannat ghal multa kif ukoll ghas-sospensjoni tal-licenzja ghal tnax-il (12) xahar mid-data tas-sentenza.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha ghax qal li ma kellux l-intenzjoni illi jsuq minghajr licenzja u kien sempliciment *lapsus* illi ma ndunax illi l-licenzja kienet skadiet.

Ikkunsidrat:

Xehdu f'din il-kawza Martin Caruana in rapprezentanza ta' Victoria Insurance Agency fejn dana informa lill-Qorti li l-assikurazzjoni tal-appellant kienet skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) u giet rinovata sussegwentement fit-tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) u cioé 'l ghada li gie mwaqqaf fir-roadblock. L-assikurazzjoni kienet f'isem l-appellant ghal vettura tat-tip Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni MIC 278. Martin Caruana informa lill-Qorti li hija prassi li l-assikurazzjoni tibghat renewal notice ghall-ahhar gimgha ta' Dicembru u ohra f'Jannar tas-sena ta' wara; dina tintbaghat bil-posta normali.

Xehed ukoll Stephen Cachia ta' Transport Malta fejn qal illi l-vettura MIC 278 hija registrata fuq l-appellant u r-road licence taghha skadiet fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar

tal-elfejn u ghaxra (2010) u giet rinovata fit-tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010).

Il-Kaptan Jason Ebejer tal-Forzi Armati ta' Malta xehed illi dakinhar tal-hdax (11) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) kien qed jissorvelja road block bejn l-Ghadira u l-Mellieha. Waqqaf il-karozza tal-appellant ghaliex induna illi l-licenzja kienet skadiet. Informa lill-appellant b'dan u ghadda l-kaz lill-pulizija. Assigura lill-Qorti illi meta waqqaf il-vettura, kien hemm l-appellant Ronald Cini qed isuq.

L-appellant xehed illi huwa kien self employed, kien tiela' Ghawdex u nqabad f'dan ir-roadblock. Qal illi ghandu zewg karozzi ohra illi ghandhom kollox imhallsin izda ma kienx jaf illi dik il-vettura illi kien qed isuq ma kellhiex ir-road licence mhallsa – kien aljena rasu. Jghid illi l-assikurazzjoni ma baghtitx tinfurmah illi l-licenzja kienet ser tiskadi.

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat tal-appellant, argumenta illi n-nuqqas ta' hlas ma kienx dovut ghal xi negligenza izda ghan-nuqqas tal-kumpanija assikuratrici illi ma baghtitx renewal notice fiz-zmien. L-appellant fil-fatt kien qed isuq taht l-impressjoni li kellu kollox imhallas u ghalhekk ma kellux il-*mens rea* necessarja sabiex jiffiguraw l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

Aggravju iehor tal-appellant kien illi s-sentenza hija karenti mill-fatti ta' xhiex instab hati.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti tad-Difiza. Rigward l-ahhar agravju l-fatti johorgu mic-citazzjoni. Is-sentenza tirreferi ghal dawn il-fatti u ghalhekk hija valida u ma hemm xejn x'jigi censurat formalment fiha.

Rigward l-intenzjoni, il-ligi timponi obbligu specifiku u mandatarju li min qed isuq vettura jrid jassikura illi din tkun debitament assikurata u licenzjata biex tintuza fit-triq. L-appellant ma jistax jinheba wara l-iskuza li nesa. Dan ma jaghmilx sens legali. Jekk nesa sinjal illi kien traskurat u

ma qaghadx attent bizzejjed ghall-obbligi statutorji tieghu. Dan in-nuqqas ipoggih fis-sanzjoni tal-ligi li tahtha ghandu jinsab responsabbli.

L-appellant ilmenta ukoll illi minghajr licenzja se jigi pperikolat l-impjieg tieghu. Din ukoll mhiex skuza. Fil-fatt fil-kawza “Il-Pulizija versus Paul Azzopardi”, deciza fl-4 ta’ Awwissu 2006, il-Qorti qalet il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghajxien tieghu “ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità ghall-kastig meta jinqabad isuq hazin.”

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------